MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 596/2003

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri C u D ahwa B**
**vs**
**Dr. E F B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici, ippremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-26 t' Ottubru 1992, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, C u D; li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabilment u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minhabba f' adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront taghha; li l-attrici ottjieniet l-awtorizzazzjoni skont il-ligi sabiex tressaq l-istanza odjerna; l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi mwettqa mill-konvenut fuq l-attrici jew minhabba li z-zwieg tkisser

irrevokabilment; [2] tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C u D lill-attrrici salv access lill-konvenut b'dawk il-modalitajiet kollha intizi ghall-ahjar protezzjoni tieghu; [3] tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri retta alimentarja skont il-Ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u, tnaqqis mill-paga tal-konvenut skont il-kaz, anke bil-hlas ta' capital ghall-manteniment tal-attrici; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte; [5] ixxolji, tillikwida il-komunjoni ta' l-akkwisti, okkorrendo b'opera ta' perit nominand, u jigi stabbilit data li minnha il-konvenut jitqies li ma jippartecipax fil-qliegh u akkwisti tal-attrici u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur beix jirrapresenta lill-konvenut fl-eventwali kontimacja fuq l-istess att; [6] tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali u cjoe Primrose Flats NO 2 Pope John Paul St B'Kara ad eskluzzjoni tal-konvenut u tordna lill-istess konvenut jivvaka dan il-fond fi zmien qasir u perentorju; bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u tal-atti gudizzjarji kollha, inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru fl-istess ismijiet – kontra l-konvenut, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut, in sostanza, eccepixxa: in-nullita tac-citazzjoniypprezentata mill-attrici stante l-fatt li l-awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili nghatat aktar minn sitt xhur mid-data li giet ipprezentata l-istess citazzjoni u cjoe fis-26 ta' Gunju 2001; minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, li t-tort tat-tkisser taz-zwieg jirrisjedi esklussivament fuq l-attrici li ma jopponiex ghall-pronunzjament tas-separazzjoni ghalkemm qatt ma kellu x-xewqa li jissepara; li l-attrici ma tistax tigi fdata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri, li ghandhom jigu fdati f' idejn il-konvenut; li l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment ghaliha, qieghda tircievi pensjoni minghand il-Gvern u hija kapaci tipprovdi ghall-manteniment taghha nnifisa filwaqt li l-konvenut diga` qieghed ihallas ghall-bzonnijiet tal-minuri inkluzi sahha u edukazzjoni; li ma hemmx l-lok ghall-applikazzjoni ta' l-artikoli 48 sa 53 fil-konfront tieghu izda l-

artikolu 52 ghadu japplika kontra l-istess attrici; ma jopponiex il-likwidazzjoni tal-komunjoni, izda tenut kont li kienet l-attrici l-kagun tat-tifriek taz-zwieg u ghalhekk m'ghandhomx japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati izda ghandu jigi dikjarat li l-attrici ddekadiet minn porzjoni sostanzjali ta' sehemha mill-gid komuni; li l-indirizz indikat mill-attrici mhux tad-dar matrimonjali li fil-fatt huwa Tervic House, f'Dr. Zammit Street, Balzan u l-ahhar talba hija opposta; bl-ispejjez inkluz dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u tal-atti gudizjarji kollha, inkluz tal-kontro-mandat fl-istess ismijiet, kontra l-attrici minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat ir-rapport tal-Perit legali l-Avukat Dottor Stefano Filletti;[1]

Rat ir-rapport ta' l-Avukat tat-Tfal Dottor Stephanie Galea;[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tort tal-firda esklussivament lill-attrici.

**Nullita`**

[1] Vol.3 – fols.631 et seq
[2] Vol. 1 – fols 181 u 182.

Illi fl-ewwel lok, il-konvenut ma nsistiex dwar din l-ewwel eccezzjoni li huwa qajjem fin-nota t'eccezzjonijiet tieghu tant li di fatti l-kawza kompliet, tressqu l-provi kollha inkluzi tieghu kif jirrizulta mill-process voluminuz tal-kawza.

Illi fit-tieni lok, il-konvenut mhux ser isofri l-ebda pregudizzju jekk kemm-il darba din l-eccezzjoni ma tigix milqugha anzi jkun proprju ta' pregudizzju ghall-partijiet jekk dawn il-proceduri jigu dikjarati nulli u b'hekk ikollhom jigu istitwiti proceduri godda fejn jigu inkorsi spejjez doppji.

Ferm il-premess, din il-Qorti tichad dina l-ewwel eccezzjoni preliminari, tenut kont tal-fatt li ma tinkwadrax f' wahda mir-ragunijet  kontemplati fl-Artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewgu fis-26 t'Ottubru 1992, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, C u D, li fiz-zmien meta giet intavolata l-kawza kienu ghadhom minorenni.

*Verzjoni ta' l-Attrici*
L-attrici tghid li l-partijiet izzewgu sentejn wara li kellhom l-ewwel tarbija, meta l-konvenut kien ghadu jghix l-Olanda u hija kellha titlaq mid-dar tal-genituri taghha u ssib post fejn tikri biex tghix fih.  Hija ssostni li kienet tghix bl-assistenza socjali u l-konvenut dak iz-zmien xorta ma kienx jghaddilha manteniment regolarment.  Meta l-konvenut gie Malta, l-attrici qalet li kellha tohrog tahdem peress li hu ma setax isib xoghol u ghalhekk kienet hi li kienet issotni lilu wkoll.

Inoltre, l-attrici tghid li wara t-tieni trabija kienu marru jghixu maghhom zewg nisa li l-konvenut qallha li kienu hutu izda l-attrici kellha d-dubji taghha fuq dan minhabba l-fatt li ma kellhomx l-istess kunjom tal-konvenut u anqas l-istess kunjom bejniethom.  Dan barra l-fatt li ma kenux jifilhu finanzjarjament li jmantnu tnejn min-nies ohra peress li dawn iz-zewg nisa ma kienu jikkontribwixxu xejn u d-dar fejn kienu jghixu ma kinitx kbira bizzejjed biex takkomodhom kollha. Fil-fatt skont l-attrici, dawn kienu jorqod fid-*double bed* maghha, t-tifel  ta' tlett snin f'sodda

fl-istess kamra, t-tarbija fil-cot u l-konvenut kien jorqod fuq is-sufan.

L-attrici tallega li l-konvenut kien abbuziv fil-konfront taghha fis-sens li "*kien jerfa' jdejh fuqi. Kien issawwatni anke quddiem it-tifel... gera warajja b'sikkina*"[3]. Hija tispjega kif wara t-tieni tarbija waqfet tahdem u l-konvenut beda kors l-Universita`, kienu jghixu bl-ghajnuna socjali izda l-konvenut kien izomm dawn il-flus ghalih, tant li l-attrici kellha tmur tkellem lid-Dipartiment sabiex johorgu c-cekk fuq isimha. L-attrici tghid li finanzjarjament l-konvenut kien ihalli lilha u lill-uliedhom neqsien hafna tant li kienet tiehu xi ghajnuna f'ikel minn Dar Merhba Bik, hija tghid li "*Meta gieli kont nghid lil E li l-flus kienu spiccawli u li ma kellix biex nixtri ikel, huwa kien jaqbad lit-tfal u lin-nisa u johodhom jieklu barra f'xi restorant waqt li jien kien ihallini d-dar wahdi u bil-guh*"[4]. Wara li bidlu d-dar u t-tifla kellha tlett snin, l-attrici marret tahdem biex tkun tista' tikkontribwixxi finanzjarjament.

L-attrici ssostni li l-konvenut izzewwigha sabiex jotjeni c-citadinanza.

*Verzjoni tal-Konvenut*

Illi l-konvenut issostni li kienet l-attrici li b'ingann u pressjonijiet waslitu biex jidhol ghaz-zwieg maghha, huwa jghid li ma kienx jaf li missier l-attrici kien "*convicted murderer who was himself murdered*"[5] u li l-familja taghha kienet imdahhla f'cirku ta' problemi socjali. Inoltre, ma kienx jaf li l-attrici kienet tbaghati minn problemi kronici tal-qalb li minhabba f'hekk kellha bzonn kura kontinwa. Il-konvenut jispjega li huwa jemmen li l-attrici ingannatu sabiex tehodlu l-flus halli tkun tista' zzomm il-vizji taghha tax-xorb, tipjip, abbuz ta' sustanzi u tiffrekwenta postijiet u nies ta' karattru diskutibbli.

Il-konvenut isemmi wkoll li huwa kien abbuzat fizikament u psikologikament mill-attrici li riedet biss li tikisser iz-zwieg u li martu "*was not interested in a decent married life and*

[3] Vol. 1, fol. 29.
[4] Vol. 1, fol. 31.
[5] Dok. M1 pagna 31.

*she always sought to sink all of us in the same problems*”[6], anke l-familjari ta’ l-attrici intimidawh, attakkawh u ppruvaw ikkecuh mid-dar bil-forza. Huwa jattribwixxi l-problemi fiz-zwieg taghhom kompletament fuq l-attrici. Jghid inoltre li l-attrici ma riditx li jghixu l-Olanda izda insistit li jghixu Malta. Ghalkemm hija kienet marret tghix mieghu l-Olanda u wara xi zmien giet lura Malta fejn qaltlu li jekk kienu se jizzewgu hija kienet lesta li tmur lura l-Olanda izda l-attrici rega’ bdiela. Il-konvenut ma setax isib xoghol li ghalih kien specjalizzat f’Malta. L-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali diversi drabi u fethet proceduri ta’ separazzjoni diversi drabi. Il-konvenut ihoss li martu qatt ma taghtu l-appogg u l-ghajnuna li kellu bzonn anzi dejjem ghaksitu anke meta l-aktar li kellu bzonnha. Sahhansitra, il-konvenut issostni li l-attrici qaltlu li it-tifel il-kbir taghhom ma kienx fil-fatt ibnu izda iben ir-ragel t’ohtha.

Il-verzjoni ta’ l-attrici hija totalment michud mill-konvenut li jghid li l-istess attrici waslet biex anke ghamlet rapporti foloz u ghawget il-verita` fil-Qorti. Il-konvenut jghid li dejjem ha hsib lill-uliedu finanzjarjament u li l-attrici qatt ma kellha assi taghha jew xi wirt meta ltaqa’ maghha, huwa jsostni li kienu l-familjari u l-genituri tieghu li ghenuhom finanzjarjament.

*Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Il-Qorti kkunsiderat illi mill-provi prodotti jidher li ma ngabitx evidenza sufficjenti sabiex turi li fil-fatt twettqu sevizzi, eccessi, minacci u mohqrija ai termini ta’ l-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-partijiet it-tnejn ghandhom verzjonijiet different u konfliggenti ta’ kif graw il-fatti. Inoltre, minkejja li gie allegat dak kollu miz-zewg partijiet, l-attrici xorta wahda baqghet mal-konvenut u sahhansitra kellha t-tieni tarbija mieghu u dan jghodd ukoll ghall-verzjoni tal-fatti tal-konvenut li baqa’ jsostni li huwa ma riedx jissepara izda xorta wahda allega vjolenza u abbuzi da parti ta’ l-attrici inkluz prova ta’ incident partikolari fejn l-attrici kienet vjolenti fil-konfront tieghu u giet misjuba hatja mill-Qorti Kriminali fis-26 t’Ottubru 2004.

[6] Ibid.

Dan u l-incidenti l-ohra li jsemmu l-partijiet u li ghalihom ghamlu rapporti ma jidirx li kienu ta’ frekwenza u intensita` sufficjenti kif rikjest mill-Ligi, barra mill-fatt li mhux car ir-risponsabbilta` ta’ l-incident ghal min hija attribwibbli.

Illi ghal dak li jikkoncerna adulterju, jidher li z-zewg partijiet kellhom relazzjonijiet extra-matrimonjali u sahhansitra kellhom l-ulied minn dawn l-istess relazzjonijiet extra maritali. Di fatti fir-risposta taghha fil-kawza li ntavola l-konvenut ta’ denegata paternita`, l-attrici tghid “*din it-tarbija hija frott relazzjoni li l-istess esponenti kellha ma’ terza persuna*”[7]. Minn naha tieghu l-konvenut waqt il-kontro-ezami jghid li “*I have a relationship with a certain Melissa Joan Bagley ... I had a child with this woman named Shannon, born in February 2004. I have had another child, David*”[8]. Illi dawn ir-relazzjonijiet il-partijiet jghidu li graw meta huma kienu *de facto* separati.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li huwa minnu li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrevokabbilment, tort tal-adulterju taz-zewg partijiet a tenur ta’ l-Artikolu 38 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan jattira fil-konfront taghhom it-tnejn id-dispost fl-intier tieghu tal-artikolu 48 tal-Kap.16

**Kura u Kustodja**

Illi ulied il-partijiet u cjoe C u D illum huma t-tnejn maggjorenni u ghalhekk dan l-aspett tal-kawza huwa sorvolat

**Manteniment**

Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti taghamel referenza ghall-kontenut tas-sezzjoni ntestata mill-perit legali **“Alimenti/Manteniment”** fil-pagni 48[9] tar-relazzjoni fejn jghid:-

“*Kif gie ppruvat fil-mori tal-kawza l-attrici kapaci ssib imieg u di fatti l-attrici kellha diversi impjiegi fit-tul taz-zmien.*

[7] Vol. 2, fol. 529.
[8] Vol. 2, fol. 544.
[9] Vol. 3, fol. 678 tal-process.

*Tenut kont anke ta' l-eta` ta' l-attrici l-esponenti jemmen illi l-attrici hija kapaci tahdem u taqla` introjtu ghaliha. Il-partijiet inoltre rrendew ruhhom hatja ta' adulterju fil-konfront ta' xulxin.*

*Dwar it-tfal jinghad illi hemm zewgt itfal maggiorenni. Jirrizulta wkoll illi dawn ghandhom impieg u dan mill-provi prodotti.*"

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-kontenut tas-sezzjoni ntestata mill-perit legali **"Dar Marimonjali"** fil-pagna 47[10] u **"Xoljiment Komunjoni Akkwisti"** fil-pagni 49, 50, 51[11] tar-relazzjoni fejn jghid:-

"*Skont ir-rikors ta' l-attrici, id-dar matrimonjali hija Primrose Flats, No 2, Pope John Paul Street, B'Kara.*

*L-ewwelnett, il-partijiet m'ghandhom l-ebda propjeta` immobbli rregistrata f'isimhom.*

*L-attrici fis-sitt talba taghha titlob illi tghix esklussivament fid-dar matrimonjali ma' uliedha filwaqt illi l-konvenut fis-seba' eccezzjoni joggezzjona u jghid illi d-dar Primrose Flats, No 2, Pope John Paul Street, B'Kara, li jghix go fiha l-konvenut mhiex id-dar matrimonjali. Il-konvenut fir-risposta tieghu jeceppixxi illi minnflok hija d-dar fejn qed tirrisjedi l-attrici ma' ulied il-partijiet u li ggib l-isem Tervi House, f'Dr. Zammit Street, Balzan li kienet id-dar matrimonjali. Il-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal zmien twil. L-attrici tghix 'Tervric House f'Balzan', wqat li l-konvenut jghix 'Primrose Flats', B'kara. Il-konvenut eccepixxa illi hu ilu jhallas snin twal ghas-self lejn il-fond 'Primrose Flats'.*

*Ta' minn ighid illi l-partijiet ma humiex sidien tal-propjeta izda ghandhom biss titolu ta' lokazzjoni fuq iz-zewg proprjetajiet. Ta' minn jirrileva ili mix-xhieda tal-partijieit ma setax jigi stabbilit b'mod definittiv liema kienet id-dar*

---

[10] Vol. 3, fol. 677 tal-process.
[11] Vol. 3, Fol. 679, 680, 681 tal-process.

*matrimonjali. Bhala stat ta' fatt pero' irrizulta illi l-attrici tghix 'Tervic House f'Balzan', waqt li l-konvenut jghix 'Primrose Flats', B'Kara. L-esponent jemmen illi ghalhekk il-partijiet ghandhom jibqghu jirrisjedu fil-fond li illum jirrisjedu.*

*[A] Immobbli*

*Kif gja' ndikat aktar 'il fuq f'dan ir-rapport il-partjiet m'ghandhom ebda immobbli rregistrat fuq isimhom. L-esponent diga' esprima ruhu dwar kif ghandhom ikunu divizi l-kirjiet fil-komunjoni.*

*[B] mobbli*

*Ma nghatatx lista komplessiva ta' l-oggetti mobbli formanti parti mill-Kommunjoni ta' l-Akkwisti.*

*Il-partijiet ilhom snin twal jghixu separatament fir-residenzi rispettivi taghhom. Ghaldaqstant, il-mobbli formanti parti mill-komunjoni ghandhom jitqassmu bejn iz-zewg partijiet. Ghal dan il-ghan, il-partijeit ghandhom izommu fil-pussess taghhom dawk il-mobbli li jinstabu fir-residenza rispettiva taghhom, ghajr dawk l-oggetti parafernali tal-partijiet.*

*Peress illi ma hemmx lista ezawrjenti ta' oggetti parafernali, ghandha tigi mhejjija lista tal-oggetti parafernali ta' kull parti u dan moghtija lill-parti koncernata.*

*[C] kontijiet Bankarji u Debiti*

*Fil-mori tal-kawza elenku ezawrjenti tal-kontijiet u debiti ma nghatax.*

*Il-kontijiet bankarji tal-partijiet (eskluz dejjem il-krediti parafernali) sia dawk intestati fuq il-partijiet individwalment u sia dawk intestati fuq iz-zewg partijiet konguntivament ghandhom jigu likwidati u divizi bejnithom.*

*Dwar id-dejn il-konvenut jiddikjara illi kien hemm self fuq il-fond "Primrose" liema self kien jithallas mill-konvenut*

*f'isem Eugenio Ebejer peress illi l-istesskien inxtara fuq isem Eugenio Ebejer. Kemm-il darba l-konvenut jippretendi hlas lura ta' dawn il-pagamenti maghmula l-istess talba ghandha ssir kontra Eugenio Ebejer u mhux l-attrici stante illi dan il-pagament sar effettivament ghal beneficcju ta' l-istess Ebejer. Del resto l-konvenut ma ressaq ebda kontro-talba ghal rifuzzjoni ta' dan l-ammont.*

*[D] vetturi*

*Il-partijiet ma tawx dettalji ta' vetturi li jistghu jiffurmaw parti mill-Komunjoni ta' l-Akkwisti. Fil-kontro-ezami tax-xhud Eva Mahlango, ix-xhud qalet illi l-attrici ma kellhiex karrozza. Fl-affidavit tieghu, l-konvenut iddikjara illi l-karrozza tiehgu keient parafernali. F'kull eventwalita` illi hemm xi vetturi dawn ghandhom jigu stmati u divizi bejn il-partijiet b'mod ugwali. Fl-eventwalita' li dawn ma jistghux jinqasmu fizikament kumpens trid tinghata lill-parti l-ohra.*

*[E] Investimenti Ohra*

*Ma hux car jekk kienx hemm xi investimenti ohra jew poloz ta' assikurazzjoni. Fl-eventwalita` li dawn jezistu dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u jekk dan ma hux possibbli, allura dawn ghandhom jigu assenjati lill-parti wahda b'kumpens lill-parti l-ohra*".

Inoltre, jigi osservat li, ghalkemm il-konvenut ivvanta pretensjoni ta' kreditu kontra l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ghas-somma ta' Lm50,350 izda ma ngabux provi sodisfacenti fir-rigward..

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari,

[1] tilqa' limitatament l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li dan tkisser irrimedjabbilment htija taz-zewg partijiet li huma wkoll hatja ta' adulterju fil-konfront ta' xulxin;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante l-fatt li t-tfal m'ghadhomx minuri;

[3] tichad it-tielet talba ghar-ragunijiet kif stabbiliti fis-sezzjoni ‘Manteniment’;
[4] tilqa’ r-raba’ talba u tapplika is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 fuq citat, kontra z-zewg partijiet;
[5] tilqa’ l-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;
[6] tichad is-sitt talba hekk kif stabbilit fis-sezzjoni ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament u b’ mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------